MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 274/2007/1

**John Cauchi u martu Rose Mary Cauchi**

**vs**

**Spiridione Chircop u martu Giovanna Chircop**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta' Mejju, 2010, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti:
>
> Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrenti nhar it-tmienja u ghoxrin t'Awissu, 2007 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuhom is-somma ta' tlett elef lira maltin (LM3,000) ekwivalenti ghal sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€6988.12),

rapprezentanti din is-somma self maghmul brevi manu mir-rikorrenti lill-konvenuti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata 8 ta' Awwissu 2007, tal-mandati kawtelatorji u bl-imghax skond il-ligi sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew is-segwenti:-
*"Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta stante li huma qatt ma sselfu l-ammont imsemmi fl-avviz minghand l-atturi."*

Semghet lill-attur **John Cauchi** jixhed nhar il-21 ta' Jannar 2008 (a fol. 9 et seq.) u jghid li ilu jaf lill-konvenut ghal dawn l-ahhar erbghin sena bhala hbieb. Qal li jiftakar li fix-xahar t'Awissu 2006 kien mar fuqu l-konvenut u beda jibki u jghidlu xi gralu. Meta ra hekk huwa hareg mit-taxi tieghu u resaq lejh u hawn il-konvenut beda jaghti fuq wiccu u jibki. Il-konvenut qallu li kellu nkwiet kbir u li hu seta' jghinu billi jsellfu xi flus. Fuqu flus ma kellux, allura qallu li seta' jmurlu l-bank u jirtiralu s-somma li talbu. Il-konvenut qallu li kellu jiehu s-somma ta' ghoxrin elf lira Maltin b'lura ghaliex kien jahdem ix-xatt. Fil-fatt jghid li l-konvenut hadu fl-ufficcju tieghu quddiem is-Sea Malta u hemmhekk kien hemm bniedem li kkonfermalu li verament il-konvenut kellu jiehu xi flus b'lura . Il-konvenut kien qallu li kien lest li jirritornalu is-somma mislufa sa zmien sena wara u cioe' sa Awwissu/Settembru 2007.

Qal li huwa mbaghad mar ifittex lill-konvenut f'daru izda sab lil-mara tieghu u din wegbitu "jaqaw Spiru ghandu jtik?" Huwa ma wrieha b'xejn peress li l-konvenut kien qallu li din kienet kwistjoni ta' bejniethom. Jaf li l-ghada kienet il-gurnata tas-Sibt u kienu marru jfittxuh ulied il-konvenut u qalulu li kien ikun ahjar li jirrangaw l-istorja

bejniethom, ghaliex huma kienu sitta ahwa, ghalkemm wiehed minnhom kien batut.

Zied jghid li t-Tnejn ta' wara kien mar iben il-konvenut ifittxu l-airport u qallu li kien lest li jhallas id-dejn ta' missieru, u ghalhekk huwa qallu sabiex imorru ghand l-avukat. L-avukat qallu li jekk ried jaghmel tajjeb ghad-dejn ta' missieru kellu jiehu l-mara mieghu sabiex tiffirma, izda dan qallu li ma riedx idahhal il-mara.

Jiftakar li xi tlett ijiem wara kien baghat ghalih l-Ispettur tal-Pulizija wara rapport li l-konvenut kien ghamel fejn qal lill-pulizija li huwa (l-attur) kien qed jirrikattah. Huwa cahad li kien qed jaghmel hekk u l-Ispettur qallu jekk riedx iressqu l-Qorti fuq rapport falz. Kompla jghid li huwa ma riedx jaghmel hekk, u anke ghalkemm l-Ispettur qallu li l-konvenut kien ghamel rapporti simili fuq terzi persuni, hu xorta ma kienx interessat li jmexxi procedura bil-Pulizija.

Huwa ghalhekk beda jfittex lill-konvenut, u kienu isibu jilghab il-flus gieli f'post u gieli f'iehor. In-nies bdew jghidulu li l-konvenut kien midjun. Qallu li peress li kien kixfu mal-mara ma kienx ser ihallsu lura. Jghid pero' li iben il-konvenut allegatament kien qallu quddiem l-Ispettur tal-Pulizija li huwa kien lest li jhallas id-dejn ta' missieru. Mistoqsi jekk il-Pulizija haditx passi kontra tieghu ghal rikatt huwa iwiegeb fin-negattiv. Jghid ukoll li darba minnhom kien ircieva messagg fuq il-mobile tieghu numru 79409768 fejn kien hemm miktub li "jien it-tifel ta' Spiru Chircop u qabel Awissu m'ghandekx ghalfejn tkellimni ghax iggilidt ma' missieri, imma xorta nhallsek." Jghid li dan il-messagg kien registrat fuq it-telefon tieghu.

In kontro ezami nhar l-10 ta' Gunju 2009, l-attur stqarr li huwa pensjonant ghalkemm qabel kien jahdem bit-taxi u kellu ukoll xi negozju. Qal li l-flus kien tahomlu f'zewg pagamenti, u cioe' l-ewwel

tah sbatax-il mija imbaghad mar il-Bank u gibed tlettax-il mija ohra, w tahomlu ukoll. Qal li waqt li huwa dahal gol-bank, il-konvenut qaghad jistennih barra l-Bank.

L-attur qal li ibnu wkoll jahdem bit-taxi. Ikkonferma li darba minnhom kien mar fuqu l-konvenut u talbu xi flus. Ikkonferma li l-konvenut kien qed jibki u dak il-hin ghaddielu s-somma ta' sbatax-il mija. Mistoqsi meta kienet din il-gurnata jghid li ma jiftakarx. Qal li l-konvent kien qisu familja mieghu u ghalhekk ma zammx amment, pero' jghid li seta kien fix-xahar ta' Dicembru ta' xi hames snin qabel ma xehed. Ikkonferma li fuq il-persuna tieghu dak il-hin kellu seba' mitt lira Maltin (Lm700) izda tah is-somma ta' elf u seba' mitt lira Maltin (LM1,700). Qal li l-flus tahomlu l-Belt ghalkemm il-flus kien irtirhom mill-Bank HSBC tal-Marsa. Qal li meta ghaddielu l-flus kien wahdu u l-konvenut kien qallu biex ma jghidx lil martu u lanqas lil uliedu. Jghid li imghax ma zammlux u li ibnu kien accetta li jhallsu hu izda ma riedx li martu tassumi wkoll dan il-hlas u ghalhekk baqa' ma thallasx. Qal li huwa kellu wirt ta' hamsin elf lira Maltin (LM50,000) u kien ghalhekk li kien isellef il-flus. Qal li Kevin Brincat ma kienx mieghu meta ghadda l-flus lill-konvenut ghalkemm kien prezenti meta l-konvenut qallu li ma kienx ser ihallsu lura ghaliex kien kixfu ma' martu

Illi nhar is-27 ta' Frar 2008 xehed **Anthony Chircop** u jghid li huwa jaf lill-attur ghax dan ghamillu hajtu nfern icempillu kuljum u jmur ifittxu fuq ix-xoghol. Stqarr li l-attur kien qallu li huwa kellu karta minghand in-Nutar li tindika li missieru kellu jtih xi flus, pero' din il-karta qatt ma wrihielu. Qal li jekk verament l-attur kellu din il-karta huwa kien lest li jonoraha. Ix-xhud izid jghid li l-attur kien qallu wkoll li kellu fotokopja tac-cekk, pero' lanqas din il-fotokopja qatt ma wrieh.

Jiftakar ukoll li darba minnhom kienet cemplitlu ommu u qaltlu li l-attur kien mar ifittex lil missieru d-dar u dan kien qalilha sabiex tghid li ma kienx hu li mar izda ibnu. Jghid li qabel din l-okkazjoni hadd ma kien mar id-dar t'ommu jsaqsi ghal missieru sabiex jitolbu xi flus. Ikkonferma li huwa l-kbir fost hutu u ommu dejjem tirrikorri ghandu.

Qal li huwa kien iltaqa' mal-attur u dan kien qallu li missieru kellu jtih is-somma ta' tlett elef lira Maltin u hu kien wiegbu li jekk dan kien veru kien lest li jhallashom hu, u l-attur rega' kkonermalu li kellu fotokopja tac-cekk u anke karta tan-nutar.

Huwa mar id-dar u tkellem ma' missieru u qallu dak li kien qallu l-attur. Missieru cahad li dan kien minnu, u ghalhekk ix-xhud kien laqqa' lil missieru mal-attur, u prezenti kien hemm ukoll huh iz-zghir Frankie. F'din il-laqgha missieru ghal darb' ohra cahad li kellu jaghti xi flus lill-attur. Jghid li darb' ohra cempillu l-attur u qallu li meta huwa kien ghadda l-flus lil missieru, kienu prezenti wiehed maghruf bhala l-Bona u iehor maghruf bhala l-Perzuta. Ix-xhud zied jghid li ghalhekk kien qallu li hu kien lest li jiltaqa' maghhom, u mieghu kien ha lir-ragel t'ohtu certu Stephen Camilleri. Dakinhar pero' dawn in-nies ma gewx u kien hemm biss l-attur. Ghal darb' ohra huwa qal lill-attur li jekk ghandu prova li verament missieru ssellef il-flus minghandu kien lest li jaghmel tajjeb ghalihom hu, ghaliex fil-passat missieru kien generuz hafna maghhom.

Nonostante dan kollu jghid li l-attur baqa' jsegwih u jcempillu u jheddu li missieru kellu mara ohra u kellu ritratti sabiex jissostanzja dak li kien qed jallega. Qal ukoll li kien ghamel zmien li ma felahx aktar u sahansitra lanqas ghax-xoghol ma kien imur, u spicca mar ghand il-Pulizija jaghmel rapport. Quddiem il-Pulizija missieru cahad li kellu jaghti flus lill-attur.

L-attur kien talbu sabiex imur mieghu ghand l-avukat tieghu u huwa wiegbu li kien lest li jmur. Hemmhekk gie muri xi karti dwar dettalji ta' self, izda ma kienx hemm il-firma ta' missieru. Jghid li l-avukat kien talbu biex jiffirma karta, u zied li hu kien lest li jaghmel dan, pero' l-avukat insista li kellu jiehu lill-mara wkoll, u hu ma xtaqx li jdahhal lil martu f'din il-kwistjoni, u ghalhekk ma ffirma xejn. Huwa mbaghad mar ghand l-avukat tieghu, kif del resto kien qallu biex jaghmel l-avukat tal-attur, u l-avukat tieghu qallu biex jekk ma kienx diga' ffirma, ma jiffirma xejn.

Illi nhar it-23 ta' April 2008 xehed l-Ispettur **Maurice Curmi** u kkonferma li fit-2 ta' Awwissu 2007 kien mar ghandu Anthony Chircop li kien qallu li certu Ganni Cauchi kien qed jigri wara missieru, ghax kien qed jghid li kien silfu s-somma ta' tlett elef Lira Maltin (LM3,000). Esebixxa kopja tar-rapport mehud minnu relatat ghal dan l-incident, li gie mmarkat bhala dok Z. L-Ispettur kompla jghid li kien cempel lill-attur u qallu b'din l-allegazzjoni, u ghamel konfront bejn il-partijiet fl-ufficcju tieghu. Jghid li l-konvenut dejjem cahad li ssellef xi flus minghand l-attur. Jiftakar ukoll li kien hemm xi tifel tal-konvenut li kien qal li kien lest li jhallas id-dejn ta' missieru jekk jirrizulta li verament kien dovut. Ikkonferma li passi kriminali ma ha fil-konfront ta hadd.

Illi nhar is-6 ta' Ottubru 2008 xehed l**-konvenut** u cahad li jaf lill-attur ghalkemm qal li gieli tkellem mieghu. Cahad li kien jafu ghal erbghin sena kif gie allegat mill-istess attur. Qal li huwa jghidlu bongu u sahha biss. Cahad li qatt mar jiekol mieghu jew li jaf fejn jahdem. Ikkonferma li verament kien mar ghand il-Pulizija jaghmel rapport m'ibnu u dan wara li l-attur kien baghtlu l-Marixxall id-dar darbtejn. Huwa cahad li ghandu jaghti xi flus lill-attur u kkonferma li ibnu Anthony jafu lill-attur. Cahad li kellu ufficcju l-Marsa u li huwa ha lill-attur hemmhekk. Ikkonferma li ibnu

kellu jiehu is-somma t'ghoxrin elf Lira Maltin (LM20,000) mis-Sea Malta, pero' sahaq li huwa qatt ma kien ghadda din l-informazzjoni lill-attur. Cahad li kien iltaqa' mal-attur meta kien fil-kumpanija t'ibnu Anthony. Ikkonferma pero' li fil-passat flus minghand l-attur gieli ssellef, bhal per ezempju kien issellef is-somma ta' hamsin Lira Maltin (LM50) u tah lura s-somma ta' sittin Lira Maltin (LM60). Qal li kien iltaqa' mal-attur l-airport u kien staqsih jekk kinux *square* u qallu iva. Dwar dawn is-self martu kienet taf ukoll ghaliex kien mar id-dar ghalihom. Ikkonferma wkoll li l-attur kien mar id-dar tieghu jitolbu lura it-tlett elef lira Maltin (LM3,000) li allegatament kien silfu. Huwa jghid li mhux minnu li kien issellef dawn il-flejjes u li l-attur qed jigdeb. Fil-fatt jghid li l-attur l-ewwel jghid li meta kien silfu il-flus kienu wahidhom, imbaghd jghid li sellifihomlu quddiem nutar, imbaghad jghid li kellu l-firma tieghu ghal dan is-self u fl-ahhar jghid li kellu x-xhieda. Il-konvenut jghid li minn dan xejn m'hu veru. Ikkonkluda x-xhieda tieghu billi qal li huwa ilu jaf lill-attur ghal ghoxrin sena, pero' jghidlu sahha u bongu biss.

Illi nhar is-6 ta' Mejju 2009 l-atturipprezenta affidavit ta' **Kevin Brincat.** Dan ikkonferma li kien jaf lill-partijiet ghaliex missieru kienu jahdem ix-Xatt u l-partijiet kienu jkunu hemm. Jafhom bhala hbieb jitkellmu u jixorbu flimkien. Jghid ukoll li kemm hu kif ukoll missieru Twanny Bonavia kienu jixorbu maghhom. Jghid li anke meta hu kien jahdem gewwa gabbana f'Putirjal il-partijiet kienu jmorru jixorbu flimkien ghandu. Jikkonferma li ricentement kien sema' lill-konvenut jghid lill-attur li ma kienx ser ihallsu ghaliex kien marlu wara biebu ghand il-mara jsaqsi ghalih. Jghid li kien ra lill-konvenut ihares lejn l-attur f'zewg okkazjonijiet waqt li kien fil-karozza tieghu, pero' l-attur ma kellmux. Qal li pero' ma kienx ghadu jarahom flimkien.

In kontro ezami nhar is-27 ta' April 2010 viva voce quddiem din il-Qorti, dan Brincat ikkonferma dak kollu li qal fl-affidavit tieghu u sahansitra kkonferma li kien jara lill-konvenut jitkellem mal-attur fil-hanut tat-te fejn kien jahdem, u dan f'aktar minn okkazjoni wahda, u kkonferma wkoll li kien sema' id-diskors dwar il-flus li semma fl-affidavit tieghu.

Nhar l-10 ta' Gunu 2009 l-attur ipprezenta dikjarazzjoni li kien ghamel quddiem in-Nutar Charles Mangion nhar it-23 ta' Awissu 2007 fejn kien iddikjara dak kollu li kien qal *viva voce* fil-Qorti salv li qal li kien ftiehem mal-konvenut li kellu jhallas lura wkoll l-imghaxijiet fuq is-somma mislufa skond l-istess rata li jaghti l-Bank HSBC.

Fl-istess seduta l-konvenut esebixxa affidavit ta' **Grace Fenech** bint il-konvenut (fol. 41) mahluf minnha fid-29 ta' Mejju 2009 u din ikkonfermat li xi sentejn qabel waqt li kienet ghand ommha kien habbat il-bieb u meta fethet kien hemm ragel li talab li jkellem lil ommha. Qalet li dan ir-ragel kien qal lil ommha li missierha kien issellef is-somma ta' tlett elef Lira Maltin (LM3,000) minghandu. Qalet li dan kien insista m'ommha li tghid lil zewgha li kien mar ibnu jsaqsi ghal flus. Qalet li dan ir-ragel qalilhom li kellu jixrob biex imur ghandhom u li kellu ibnu fil-*wheelchair*. Qalilha wkoll li l-flus kien tahomlu l-Mellieha. Stqarret li lil missierha kellmitu kemm-il darba u dan dejjem cahad maghha li kien issellef xi flus. Qalet li anke kienet prezenti meta missierha cempel lill-attur u beda jaghjjru giddieb.

Gie esebit ukoll l-affidavit ta' mart il-konvenut **Grace Chircop** (fol. 42) u kkonfermat dak li qalet bintha Grace Fenech salv li qalet li l-attur kien qalilha li l-flus zewgha kien issellifhom minghand ibnu. Qalet li hija staqsiet lil zewgha jekk dak li qal l-attur kienx minnu jew le u dan qalilha li kien issellef is-somma ta' hamsin Lira (LM50)

minghandu u kien tah lura sittin Lira Maltin (LM60) wara ftit granet.

Ikkunsidrat:-

Illi f'din il-kawza il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin, u cioe' l-attur li jghid li sellef tlett elf Lira Maltin (LM3,000) lill-konvenut, u l-konvenut jghid li m'hu veru xejn li ssellef xi flus minghand l-attur. Illi ghalhekk din il-Qorti trid tezamina dak li qal kull xhud b'mod indipendenti u jekk hemmx konsistenza f'dan li ntqal.

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad illi:

"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt, l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio)*, sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – **Ara Vol. XLVI/i/5**.

b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – **Ara Vol. XXXVII/i/577;**

c. Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *"iuxta allegata et probata"*, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta

unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti a bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;

Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali mpost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju **<u>Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco</u>** – **<u>App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)"</u>**;

M'hemmx dubbju li l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq is-socjeta' attrici mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hi qed tallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-27 ta' Mejju 1970 fl-ismijiet **<u>Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri</u>** u konfermat fis-sentenza moghtija mil-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri per Onor. Imh Ph. Sciberras) nhar id-19 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet **<u>Maltacom p.l.c vs Kurt Galea Pace</u>** **'**F'kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe l-attur l-

esigibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju *actore non probante reus absolvitur*. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor *reus in excipiendo fit actor*, ghax jerga' jinghad**,** l-oneru centrali tal-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu."

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi f'din il-kawza l-attur xehed fi tlett okkazjonijiet u kull darba li jixhed izid bicca ohra. L-attur jikkonferma kull darba li xehed, li l-konvenut ghandu jtih is-somma ta' tlett elef lira Maltin(LM3,000). Jghid li tahomlu Putirjal u dan meta l-konvenut kien qed jibki u jghidlu li kellu problema.

Il-partijiet it-tnejn huma nkonsistenti fix-xhieda taghhom. Il-Qorti sejra tissottolinea n-nuqqasijiet tal-attur.

Fl-ewwel xhieda li ta jghid li fuq il-persuna tieghu ma kellux flus izda f'xhieda ohra ighid li kellu biss is-somma ta' seba' mitt Lira. Jghid li huwa ghaddielu s-somma ta' tlett elef Lira f'zewg pagamenti wahda ta' tlettax-il mija u l-ohra ta' sbatax-il mija li rtira mill-Bank tal-HSBC il-Marsa, pero' dokumentazzjoi dwar dan ma esebiex.

Bin il-konvent jghid li l-attur qallu li kellu xi dokumentazjoni ffirmata mill-konvenut fejn kien hemm assunzjoni tad-debitu, pero' din id-dokumentazzjoni qatt ma giet esebita u lanqas ma giet ikkontestata din ix-xhieda ta' Anthony Chircop.

Anthony Chircop jghid ukoll li l-attur kien qallu li kien tah il-flus quddiem terzi, u cioe' certu Bona u

l-Perzuta, izda dawn ix-xhieda ma xehdux u l-attur ma jghid xejn dwar dan lanqas.

L-attur jghid li l-konvenut kien baghtlu messagg fuq il-mobile tieghu fejn kien jindika li kien qed jirrikonoxxi d-debitu li kellu pero' dan il-messagg qatt ma gie esebit il-Qorti u lanqas ma l-konvenut gie mistoqsi sabiex jikkonferma jew le din ix-xhieda.

L-attur jghid li l-konvenut qaghad jistennih barra il-Bank HSBC il-Marsa sakemm irtira l-flus, izda imbaghad jghid li tahomlu Putirjal – haga inverosimili.

Min-naha l-ohra l-konvenut ukoll m'hux konsistenti f'dak li jghid ghalkemm cahad f'kull stadju li huwa ssellef xi flus minghand l-attur, anke meta kien quddiem l-Ispettur tal-Pulizija.

Il-konvenut pero' jhawwad fid-diskors tieghu u cioe' jghid li ma kienx habib tal-attur salv li jghidlu bongu u sahha, u fl-istess hin l-attur jesebixxi ritratti tieghu mal-konvenut jixorbu flimkien. Veru li dan ir-ritratt ittiehed fil-mori tal-kawza u bl-intendiment li l-partijiet jaslu fi transazzjoni, pero' zgur li partijiet ma jiltaqghux fuq bank biex jitkellmu jekk mhumiex hbieb.  Din il-prova ddghajjef aktar ukoll it-tezi tal-attur li silef xi flus lill-konvenut.

Il-konvenut jghid li ma kienx jaf lill-attur pero' jghid li verament kien issellef minghandu s-somma ta' hamsin Lira (LM50) u kien tah lura sittin Lira (LM60).

Illi ghalhekk il-kontendenti huma t-tnejn nkonsistenti u mhux attendibbli fix-xhieda taghhom, liema nkonsistenzi zgur li jhallu dubbju f'mohh il-gudikant jekk verament hux minnu li sar is-self.

> Jinghad pero’ li l-attur jikkonferma li kien silef il-flus lill-konvenut u l-konvenut quddiem terz, u cioe’ quddiem Kevin Brincat qallu li ma kienx ser ihallsu lura ghaliex l-attur kien kixfu mal-mara. Illi pero’ dan Brincat ma jghid xejn fuq kemm kien l-ammont dovut jew meta sar is-self jew fejn sar is-self u ghalehkk din il-Qorti ma tistax tkun konvinta li dan id-diskors sar b’referenza ghat-tlett elef lira Maltin li l-attur qed jitlob f’din il-kawza.
>
> Fil-fehma tal-Qorti l-attur seta’ ghamel hafna aktar sabiex jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li verament sar is-self.
>
> Ghaldaqstant din il-Qorti mhix konvinta li l-konvenut huwa debitur tal-attur u ghalhekk qeghda tichad t-talba attrici filwaqt li tichad l-ecezzjoni tal-konvenut.
>
> L-ispejjez ta’ din l-istanza jithallsu mill-attur.”

L-atturi appellaw minn din id-decizjoni bl-aggravju artikolat fis-sens illil-ewwel Qorti donnha applikat ir-regola tal-provi fil-kamp kriminali fejn kull dubju kellu jmur favur l-akkuzat u ma baqghetx aktar fil-kamp civili fuq il-bilanc tal-probabilitajiet;

Gie deciz minn din il-Qorti kif presjeduta illi “mhuwiex insolitu li tribunal jew qorti jsibu ruhhom rinfaccjati b’zewg versjonijiet, anke dijametrikalment opposti, pero` kif jinsab osservat ‘mhux kwalunkwe tip ta’ konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f’dak l-istat ta’ perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista’ tiddeciedi b’kuxjenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola ta’ *in dubio pro reo* (**Col. L P II p 440**), ossija, l-applikazzjoni tal-massima *actore non probante reus obsolvitur*. Dik il-qorti jew tribunal ghandhom ifittxu, jezaminaw u jisiltu mill-provi dak is-sostenn u dik ic-certezza morali li taghmel il-versjoni l-wahda aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Dan anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi hekk

generalment meqjus bhala sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant”. Ara “**Interior Finishes Supplies Ltd -vs- Ian Tabone**”, Appell Inferjuri, 8 ta’ Gunju, 2005. Proprju fuq dan l-ahhar punt inghad fuq it-taghlim tal-**Powell** (“**On Evidence**”, p 487) illi “*in the administration of justice, as in ordinary life, we have often to deal with competitive ‘probabilities’. The tribunal must not look for more than that what is called ‘a moral certainty’; it should not act on a mere possibiity. But a large field lies between these two extremes. The whole subject of evidence is to create a conviction on the mind of a reasonable and practical man; and such conviction must be based upon the facts proved by express evidence and on the inferences which naturally and ‘probably’ arise from them ... There is a difference in the degree of proof required in civil and criminal cases; for civil cases must be decided on a preponderance of ‘probability’, but in criminal cases the guilt of the prisoner must be estabilished beyond reasonable doubt.*” Ara “**Eucaristico Zammit -vs- Eustrachio Petrococchino *nomine***”, Appell Kummercjali, 25 ta’ Frar, 1952;

Premessa din l-introdizzjoni, fil-kaz prezenti l-ewwel Qorti dehrilha li ma kellhiex tadotta l-versjoni ta’ l-attur in bazi ghall-valur probatorju tax-xhieda. Di regola, Qorti ta’ l-Appell ma tidholx fil-gudizzju tal-Qorti ta’ l-ewwel istanza hlief fil-kazijiet eccezzjonali u ghal motivi gravi. Issa bl-appell, il-kawza fil-mertu kollu taghha tinsab ghad-decizjoni quddiem din il-Qorti. Ghaldaqstant imiss lil din il-Qorti tara jekk ghall-konvinciment morali taghha wkoll hijiex sodisfatta illi l-ewwel Qorti sewwa ddeliberat u ddecediet fuq il-bazi tal-provi, hekk ghal kollox dipendenti fuq il-valur u l-kredibilita li trid necessarjament tinghata lilhom;

Huwa konvenjenti illi l-ilmenti ta’ l-atturi appellati kontra s-sentenza jigu ezaminati in bazi ghall-istess senjalazzjonijiet minnhom sottomessi;

L-ewwel ilment huwa illi s-sentenza appellata skartat ghal kollox l-aspett tal-hbiberija intima ezistenti bejn il-kontendenti. L-appellanti jishqu fuq dan il-punt biex isostnu l-assunt taghhom illi kien fl-ambitu ta' din l-istess hbiberija illi sar is-self minnhom lill-konvenut. Testwalment l-attur jistqarr illi "flus jien tajthomlu cash. L-ewwel tajtu sbatax-il mija mbaghad mort il-bank gbidt tlettax-il mija u tajthomlu wkoll. Nghid li fil-fatt il-konvenut qaghad jistennieni barra waqt li jien kont il-bank ... Nghid li l-konvenut kien qisu tal-familja u ghalhekk m'ghandi l-ebda records tal-flus li effettivament selliftu" (ara deposizzjoni tieghu in kontro-ezami a fol. 43);

Fil-fehma tal-Qorti dan l-ilment mhux gustifikat. Huwa veru illi mhux eskluz illi l-kontendenti kienu hbieb u jista' jaghti l-kaz ukoll li kien hemm certa familjarita bejniethom li tispjega ghaliex ma saret ebda stipulazzjoni bil-miktub konfermanti s-self li jinghad li sar. Ciononostante, din il-Qorti xorta wahda ma tirravviza ebda zball ta' gudizzju da parte tal-Qorti Inferjuri ghax din ittrattat bir-reqqa l-provi kollha attendibbli u akkordatilhom il-piz proprju ghal skop ta' konvinciment. Apparti r-rilevanza ovvja tal-konflittwalita tal-versjonijiet li gew senjalati, u d-divergenzi bejn xhieda u ohra, l-istess l-ewwel Qorti qalet ukoll illi, mill-kumpless tal-provi, ma kienx hemm bizzejjed biex wiehed jghid li ghandu joqghod fuq il-vesjoni ta' l-attur u kontra dik tal-konvenut;

In effetti l-ewwel Qorti sabet li ma giex konkludentement provat li sar dak is-self tant ghaliex l-asserzjoni tieghu kienet kontradetta mill-konvenut, tant ghaliex ukoll dik l-istess asserzjoni tieghu ma gietx korroborata jekk mhux minn skrittura, almenu bil-produzzjoni tad-dokument bankarju li jevidenza li hu gibed is-somma ta' Lm1300 biex jghaddihom lill-konvenut. Dan biex wiehed ma jsemmix ukoll illi l-istess attur kien zvela ma' iben il-konvenut illi "hu kellu karta ghand in-Nutar u li kellu fotokopja ta' cheque u li inoltre l-flus kienu ghaddew fil-presenza ta' certu Bona u tal-Perzuta, li baqghu ma gewx prodotti. Ara xhieda ta' Anthony Chircop a fol. 17. Addizzjonalment, ma jistax ma jigix rilevat illi, hbieb kemm

kienu hbieb, is-somma involuta (Lm3000) mhix lanqas wahda traskurabbli li ma kienetx timmerita xi forma ta' kitba. Mhux allura facilment kredibbli jew accettabbli b'gustifikazzjoni illi s-self allegat sar sempliciment kif sar in vista ta' dik il-hbiberija;

It-tieni ilment ta' l-appellanti huwa illi l-ewwel Qorti injorat ghal kollox ix-xhieda ta' Kevin Brincat prodott minnu. Issa fl-Affidavit tieghu (fol. 34) dan ix-xhud jghid li sema' lill-konvenut jghid lill-attur li ma kienx ser ihallsu "talli gejt wara l-bieb ghand il-mara ssaqsi ghalija". F'dan l-Affidavit ix-xhud ma jsemmi ebda cifra pero, b'kumbinazzjoni, in kontro-ezami (fol. 58) semma s-somma ta' Lm3000 ghaliex "issa ftakart". Evidentement, dan hu kliem li, fil-hsieb tal-Qorti, kien tintiz biex jigi mifhum illi l-attur silef dik is-somma lill-konvenut. Fil-fehma tal-Qorti, pero`, mill-punto di vista tal-veracita jew tal-korroborazzjoni dak li hu importanti mhux il-forma tal-kliem izda s-sens u t-tifsir li jistghu jinfluwixxu fuq il-gudizzju. Fil-kaz prezenti l-kliem generiku tax-xhud, meta mghoddi mill-gharbiel tal-konvinciment, mhux bilfors li ghandu jitwemmen bhala xi konferma tas-self *de quo*. Pjuttost, din il-Qorti ghandha dubju serju kemm tabilhaqq id-dikjarazzjonijiet ta' dan ix-xhud huma fededenji;

Fit-tielet lok l-appellanti jilmenta li l-ewwel Qorti ma kienx messha akkordat piz debitu lix-xhieda tal-konvenut ghaliex din kienet wahda konfuzjonarja. Dan jista' jkun veru, u wisq probabbli hekk hu, kif, del resto, denotat ukoll mill-ewwel Qorti. B'daqshekk ma kienx imbaghad ifisser illi ghal dik ir-raguni l-ewwel Qorti kellha toqghod ta' bilfors fuq il-versjoni ta' l-appellanti, ukoll jekk l-allegazzjoni tieghu kienet insufficjentement provata. Ma huwiex koncepibbli, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, illi wiehed jippretendi li sar apprezzament zbaljat tar-rizultanzi istruttorji billi jirrikorri ghal certi provi parzjali bl-iskop li jissostitwixxi ghas-sintesi tal-valutazzjoni komplessiva li tkun saret mill-ewwel Qorti r-ri-elaborazzjoni personali tal-provi. Ara "**Mark Saliba *nomine* -vs- Martin Camilleri *et***", Appell Inferjuri, 28 ta' Frar, 2007. Hu htieglu juri l-illogicita u l-

inkongruwenza tal-gudizzju u fil-kaz prezenti l-appellanti ma rnexxielhomx juru dan, ossija li l-konvinciment ta’ l-ewwel Qorti kien estratt minn distorsjoni tal-fatti kif rakkontati mill-konvenuti u mix-xhieda taghhom. Fiz-zgur l-atturi appellanti ma humiex vantaggjati f’dak li hu l-istat tal-provi in kwantu huma ma rnexxielhomx kif imiss jiskarikaw minn fuqhom l-oneru tal-prova importanti ta’ l-avvanz b’self tac-cifra minnhom allegata u reklamata.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------